# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 18 t'April 2016**

**Kawza Numru : 11**

**Rikors Numru : 900/2013 JPG**

**Thomas Tabone [k.i. 0147151(M)]**

**VS**

**Mary Rose Camilleri [k.i. 65356(M)]**
**u zewgha Angelo Camilleri ghal kull**
**interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Thomas Tabone tas-19 ta' Settembru 2013, li jaqra hekk:

1. *Illi oht l-attur, Frances Tabone, li tigi zija tal-konvenuta Mary Rose Camilleri, kienet tat prokura lill-imsemmija Mary Rose Camilleri sabiex fisimha tkun tista' tiddepozita u tigbed flus mil-banek kummercjali ghal kull bzonn li jista' jkollha, peress li kienet anzjana.*

2. *Illi fl-4 ta'Lulju 2009,, meta Frances Tabone kellha 81 sena, giet rikoverata fl-isptar Mater Dei b'puplesija akuta u la kienet f'kondizzjoni li tiehu decizjonijiet u anqas kienet f'qaghda li tikkomunika sew. Imbaghad fil-5 ta' Jannar 2010 ittiehdet l-isptar San Luqa, meta fi zmien qasir giet trasferita ghall-isptar Monte Carmeli fil-Ward St. Jeanne d'Antide fH'Attard sakemm hija mietet fis-6 ta'Gunju 2011.*

3. *Illi minn Lulju 2009'il quddiem ma kienet qatt f'kundizzjoni li tohrog barra mill-isptarjijiet jew li tghix wahedha. Fil-frattemp il-konvenuta Mary Rose Camilleri baqghet tuza l-prokura ta' Frances Tabone biex minn jeddha tigbed u/jew tiddepozita flejjes rnill-kontijiet tal-istess Frances Tabone*

4. *.Illi fis-6 ta' Gunju 2011 Frances Tabone mietet (vide* ***dokument A****) u b'l-ahhar testment taghha tal-5 ta' Marzu 1994 (vide* ***dokument B****) hija halliet post f'Tank Street fBirzebbuga lill-konvenuta Rose Camilleri u innominat lill-attur eredi universali tal-gid taghha.*

5. *Illi sussegwentement l-attur irrizultaluli fiz-zmien li ohtu Frances Tabone kienet bil-puplesija fl-isptarjijiet, u cioe' mill-4 ta' Lulju 2009'il quddiem, Mary Rose Camilleri kienet baqghet tigbed flejjes billi baqghet tuza l-prokura li kellha, u dan il-gbid tela' ghal eluf ta' Euro sa ma Frances Tabone mietet.*

6. *Illi l-attur interpella lil Mary Rose Camilleri taghti spjega ghall-gbid ta' dawn il-flejjes, u fil-waqt li ghall-ewwel cahdet li gibdet flus, imbaghad bdiet tghid li gibdet ferm inqas u ghall-bzonnijiet ta' zijitha. L-attur ma accettax din l-ispjegazzjoni ghaliex fl-isptarjijiet li kienet Frances Tabone ftit li xejn kien ikollha tehtieg tixtri jew thallas aktar affarijiet.*

7. *Illi dan ifisser li Mary Rose Camilleri gibdet flus indebitament (u bla awtorizzazzjoni) mill-fondi ta'Frances Tabone mhux a beneficju tal-istess Frances Tabone, u arrikkiet ruhha ingustament,izda m'accettatx li tirrifondi tali flus.*

8. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

***<u>Talbiet</u>***

*Premess li l-konvenuti ffrodaw jew immisapproprijaw ruhhom indebitament minn fondi ta' Frances Tabone a skapitu tal-attur.*

*Ghaldaqstant l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(1) Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom approprjaw ruhhom minn fondi ta' Frances Tabone indebitament, b'misapproprjazzjoni u/jew bi kwalunkwe mod abbuziv a dannu ta' Frances Tabone, u per konsegwenza bi frodi u dannu tal-werriet taghha 1- attur Thomas Tabone.*

*(2) Tillikwida l-ammont li jirrizulta li gie appropjat indebitament mil-konvenuti, jew minn min minnhom.*

*(3) Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma obbligati jirrifondu l-flejjes hekk approprijati indebitament lill-werriet ta' Frances Tabone, u cioe' Thomas Tabone.*

*(4) Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom ihallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri legali tad-19 ta' Settembru 2012, 15 ta' Novembru 2012 u tat-22 ta' April 2013, u bl-interessi skond il-ligi kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni"*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimati Mary Rose Camilleri u Angelo Camilleri tad-9 t'Ottubru 2013 (a fol. 13) li taqra hekk:

1. *Preliminarjament, illi l-intimat Angelo Camilleri ma hux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

2. *Fit-meritu, la l-intimata Mary Rose Camilleri u anqas zewgha ma approprijaw ruhhom indebitament jew agixxew b'mod abbuziv a dannu ta' Frances Tabone jew l-werriet taghha bilti kull nefqa li ghamlet Mary Rose Camilleri mill-kontijiet tad-decujus saret ghall-bzonn u fl-interess tal-istess decujus u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda - bl-ispejjez kontra ir-rikorrent Tabone.*"

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-intimati Mary Rose Camilleri u Angelo Camilleri tad-9 t'Ottubru 2013 (a fol. 13 et seq);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota t'osservazzjonijet ta' Thomas Tabone tal-24 ta' Settembru (a fol. 292 et seq.);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Thomas Tabone** xehed permezz ta' affidavit a fol 58 – 59 illi huwa ilu jghix l-Ingilterra ftit inqas minn erbghin sena izda dejjem baqa' gej u sejjer Malta u baqa' *close* ma ohtu l-kbira Frances. Spjega illi huwa jaf li xi snin qabel ohtu kienet tat prokura specjali lit-tifla ta' ohthom Carmen Borg, u cioe l-intimata Mary Rose Camilleri biex mill-bank igibilha l-flus tal-pensjoni. Qal li din il-prokura kienet saret meta ohtu kienet ghada f'sensiha izda u kienet ghada anke tohrog mid-dar biex tmur il-quddies regolari fil-Hdud. Fl-4 ta' April 2009 pero kienet tatha puplesija u ttiehdet l-isptar Mater Dei, fatt li nformata bih l-intimat. Huwa kie ha *unpaid leave* biex jigi Malta tliet gimghat. Kompla illi f'dawk it-tliet

gimghat setgha jinnota illi l-puplesija kienet qawwija tant li ma kienet qed taghraf lil hadd.

Spjega illi waqt li ohtu kienet Mater Dei l-intimati kienu jmorru jzuruha darba iva u darba le, u kienu jgibulha ikla zghira u xi dizerta. Qal ukoll illi l-intimata kienet tahsel il-hwejjeg li ohtu kienet toqoghod bihom l-isptar. Waqt li kienet l-isptar, la t-tabib li kien isoltu jzurha d-dar, u lanqas il-qassis li kien imur iqarbinha ma baqghu imorru. Qal li dik is-sena kien rega gie Malta ghal gimghatejn ohra u kien imur jara lil ohtu kuljum, u waqt li kien ikun imsiefer kien icempel l-isptar regolarment biex jistaqsi lid-*duty nurse* kif kienet ghaddiet ohtu.

Kompla illi f'Jannar 2010 ohtu kienet giet trasferita St. Luke's Hospital peress illi kien jidher li l-kondizzjoni taghha kienet ser tibqa' hekk fit-tul. L-intimata kienet qaltlu li kienet qed tipprova issibilha *home*, **izda hu kien protesta kontra dan** ghaliex ohtu kienet dejjem tghid li fit-testment kienet qed tghaddi lill-intimati il-post 9 (illum 31) Triq it-Tankijiet Birzebbugia bhala hlas talli huma jiehdu hsiebha u sa fejn jaf hu ohtu kienet filfatt tathom dan il-post f'hajjitha, liema post l-intimati kienu waqghu u regghu bnew mill-gdid bhala r-residenza taghhom. Huma wiegbuh li ma kienux kapaci jiehdu hsiebha ghaliex kellha bzonn wisq attenzjoni. Wara xi granet jew gimghat gie informat illi ohtu kienet giet trasferita Monte Karmeli Jean D'Antide Ward.

Meta mar jara lil ohtu ftit gimghat wara ra li l-kondizzjoni taghha kienet l-istess, jew forsi anke ftit aghar. L-intimati kienu ghadhom imorru jarawha it-Tlieta, l-Hamis, is-Sibt u l-Hadd u jehdolu l-ikel meta jmorruu jahslulha l-hwejjeg li kienet tuza. Hemmhekk qatt ma nzertha xi tabib privat jew qassis izurha. Ohtu mietet fis-6 ta' Gunju 2011 u hu ha hsieb li jhallas it-taxxi kollha pendenti. Il-funeral hallsitu l-intimata minn wiehed mill-kontijiet bankarji li kellha ohtu. Hu kien gie nnominat bhala l-eredi universali taghha fit-testment.

Spjega li meta mar biex jaqleb il-flus li ohtu kellha l-bank, kien talab rendikont tal-kontijiet li kellha u sab illi matul il-perjodu li ohtu kellha l-puplesija ingibdu eluf

konsiderevoli mill-kontijiet taghha, tant li rrizulta li l-intimata gibdet is-somma ta' €24,637.68 tul dawk is-sentejn.

Xehed ukoll viva voce a fol 231A – 231L illi fir-rigward tar-rendikont prezentat mill-intimati kien qieghed jaqbel mal-ewwel hames *headings* kif ukoll mal-ispejjez tal-funeral. Qal pero li deher li kien hemm *overdrawing* ta' €186.35 fir-rigward tal-ispejjez tal-funeral. Qabel ukoll ma *heading* numru sebgha. Fir-rigward ta' *heading* 8 qabel mal-ispejjez tal-imhadda pero mhux tal-kutra peress illi ohtu kienet torqod fuq sodda *single*, u l-kutra hija ta' sodda double.

Qal li huwa ma jaqbilx mal-*heading* numru 9 ghaliex ohtu kienet tat lill-intimati proprjeta li tiswa Lm70,000, apparti l-eluf li tatha biex tibni d-dar u kellha zewg kaxxi deheb u djamanti li l-intimat hadet. Qal illi kien qieghed jikkontesta li saru xi spejjez ghal ohtu waqt li kienet l-isptar ghaliex l-isptar jaghti *five star service* u l-intimati kienet biss vizitaturi bhal haddiehor. Qal li ma jaqbilx li kellu jsir l-ikel ghaliex ma kienx jaghmel sens li ssajrilha l-ikel hi meta kienu qed jaghtuha l-ikel l-isptar. Qal ukoll illi ma jaqbilx mar-rigal tat-tieg li inghata lin-neputija ta' ohtu u li dan kien abbuziv. Fir-rigward tan-nefqa ghal kejkijiet li kienu jinghataw lin-*nurses* qal li jaqbel li dan kien isir izda ma jistghax ikun li s-somma telghat ghal €2,500. Rigward tal-*heading twelve* rigward 'spejjez diversi' wiegeb illi m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghal ammont li kienu johrogu ghal hajja qabel ma dahlet l-isptar izda mhux wara li dahlet. Qal li meta mardet ohtu kien ikollha l-flus kontanti d-dar u kienet taghti lill-intimata biex tmur tixtri.

**Joseph Tabone** xehed permezz ta' affidavit a fol 60 illi ohtu Frances kienet baqghat xebba u meta bdiet tikber kienet ftehmet mal-intimati biex tibda tmur torqod ghandhom biex ma tkunx wahedha matul il-lejl. Spjega illi l-intimati kienu joqghodu f'dar illi nbniet flok dar ohra li kellha ohtu Frances. F'Lulju 2009 kienet tatha puplesija u minn hemm il-quddiem baqghat bilkemm taf x'qed jigri u qajla kien jirnexxilha titkellem xi haga. Qal li hu kien imur jara lil ohtu darba fil-gimgha u qatt ma ra progress fil-kondizzjoni taghha. Qal li ohtu ma kienet qed taghraf lil hadd. Qal li t-tabib privat taghha u l-qassis li kien

imur iqarbinha d-dar ma kienux imorru joffru s-servizzi taghhom waqt li kienet l-isptar. Qal illi l-medicinali kienu jigu provduti mill-isptar.

**Alfred Tabone** xehed permezz ta' affidavit a fol 61 illi ghalkemm qabel tatha l-puplesija ma tantx kien jara lil ohtu ta' spiss, kien jaf li kienet bdiet tmur torqod ghand l-intimati biex ma tkunx wahedha bil-lejl u li kienet tohrog u timxi bil-bastun. Qal li fl-2009 ohtu kienet tatha puplesija u haduha l-isptar Mater Dei u hu kien imur hdejha ta' spiss – bejn darbtjen sa erbgha darbiet fil-gimgha skont kemm kien ilahhaq. Spjega li minn kif dahlet l-isptar ma kienetx qed taghti kont ta' dak li kien qed jigri u ma kienetx taghrafhom. Qal li meta eventwalment ohtu kienet ittiehdet Monte Karmeli kien ghamel xi xhur ma jmurx jaraha izda meta kien rega beda jmur innota li l-kondizzjoni taghha kienet giet aghar. Zied li kien ikollha taghmel sforz biex tghid kelma jew tnejn u ma tantx kienet tiftiehem x'inhi tghid.

**Maryrose Camilleri** xehdet in subizzjoni a fol 73 – 81 illi f'Lulju tas-sena 2009 kienet sabet li Frances Tabone mal-art u t-tabib kien qal li kien taha bhal puplesija hafifa, u minn hemmhekk haduha l-isptar. L-isptar kienet damet xahrejn, imbaghad ittiehdet Karen Grech fejn damet sal-ahhar ta’ Dicembru, meta ittiehdet Monte Karmeli fejn baqghet sa mewtha. Tul dan iz-zmien kollu qatt ma harget u marret id-dar.

Qalet illi f'dawk is-sentejn hi biss kienet tiehu hsiebha u li hi kienet tmur l-isptar kuljum u hadd iktar ma kien imur. Qalet li z-zijiet taghha kienu jmoru jarawha meta kienet giet trasferita Monte Karmeli. Qalet ukoll illi meta z-zijiet taghha kienu jmorru l-isptar jzuru lil ohthom kienu jwassluhom bil-karozza huma. Qalet li matul dawk is-sentjen kienet tohdilha l-ikel kuljum, u kienet timaghha, tixtrilha affarijiet ghal hasil, u *nightdresses* u tahslilha l-hwejjeg.

Kompliet illi prokura kellha biss ghal kont tas-*savings* fejn kienet tidhol il-pensjoni, mal-HSBC u mal-Bank of Valletta. Qalet li meta Tabone kienet Karen Grech is-*social workers* kienu wissewha li l-flus tal-pensjoni ser tibqa' tircievihom izda mbaghad kienu ser jibghatu ghaliha biex thallashom lura. Ghalhekk meta kien jigi c-*cheque* hi kienet

issarfu u zzommu d-dar, **u filfatt eventwalment kienet ircievet ittra biex thallas ic-cifra ta' xi €2,000. Hi ghalhekk kienet ghamlet *cheque* u marret hallsithom**. Qalet ukoll illi hi kienet thallas il-kontijiet tad-dawl li kienu jigu u tat-*television*, tat-*telephones*. **Qalet illi anke l-ahhar kont kien gabilha biex thallas ir-rikorrenti avvolja t-*telephone* kien qieghed juzah hu waqt li kien qieghed hawn Malta.**

Rigward il-fond f'Tanks Street qalet li zitha kienet ser taghtihula b'testment izda mbaghad minhabba li kienet batuta minn saqajha u fejn kienet toqghod kellha tliet sulari tarag, zitha kienet tatha l-post f'hajjitha. Huma kienu waqqghu il-post u reggu bnewh, u kienet anke ghamlet kamra isfel apposta ghal zitha a spejjez tal-intimati stess.

Riprodotta a fol 72A – 72J xehdet illi rigward l-imhadda ul-mitrah li semmiet fil-prospett taghha dawn kienu gew *delivered* id-dar tal-intimati stess peress li zitha kienet toqoghod maghha. Qalet illi dawn kienu gew ikkonsenjati waqt li zitha kienet l-isptar ghaliex kienet ordnathom qabel giet rikoverata. Qalet li s-sodda li kienet torqod fuqha Tabone kienet wahda *single*, u li suppost kienet giet ordnata kutra merino ghal sodda *single*. Qalet li din il-kutra qatt ma wzatha. Rigward il-*cushion* qalet illi din kienu irrikomondaw li tigi ordnatha in-*nursing staff* ta' Karen Grech. Mistoqsija rigward l-ispejjez li hi semmiet fil-prospett li gew inkorsi minnha ghal-ikel, wiegbet illi hija kienet tiehu l-ikel kuljum ghaliex zitha f'nofsinhar kienet tiekol mill-isptar u fil-ghaxija kienet tiekol mill-ikel li tohdilha hi. Qalet illi n-*nightdresses* kienet tahsilhom hi, u li kien ir-ragel taghha li jwassalha l-isptar.

Mistoqsija jekk f'hajjtiha Tabone kienetx tathom proprjeta biex thallashom tas-servigi li kienu jaghmlu maghha wiegbet illi iva pero minn paga wahda ma setghatx taghmel l-ispejjez kollha minn butha. Rigward tat-tips msemmija fil-prospett qalet illi hija kienet kull xahar tiehu xi kejk ghan-*nurses* biex jaqsmuh bejn kullhadd.

**Romauld Attard,** *Senior Manager* fil-*Legal Office* tal-Bank of Valletta, prodott mir-rikorrent, xehed a fol 72K – 72O illi Frances Tabone kellha tlett kontijiet, zewg *term deposits* u *savings account*. Qal li kien hemm kont *fixed* li kien infetah fit-22 ta' Ottubru

2009 u inghalaq fl-24 ta' Ottubru 2011 ghaliex kien infetah ghal sentejn. Qal illi fl-*istatement* ikun jidher imnizzel POA meta kienet tintuza il-*power of attorney*.

**Audrey Gigho,** *Court Representative* fil-*Legal Office* ta' HSBC Bank Malta plc, prodotta mir-rikorrent, xehdet a fol 153A – D illi Frances Tabone kellha *term deposit account* li inghalaq fil-11 ta' Marzu 2010 u *term deposit* iehor li nghalaq fit-3 ta' Ottubru 2012. Inoltre kellha wkoll *savings account* li nghalaq fit-3 ta' Ottubru 2012. Qalet li fuq il-kont numru 01701201911050 kien hemm prokura f'isem Maryrose Camilleri.

**MaryRose Camilleri** xehdet permezz ta' affidavit a fol 232 illi Frances Tabone kienet iz-zija taghha, u cioe oht ommha. Qalet illi ghalkemm Tabone kienet tghix fid-dar tal-genituri taghha kienet torqod ghandha, u hi kienet toqghod fi flat fit-tielet sular u ma kienx hemm lift fil-blokk. Qalet illi minhabba f'hekk, eventwalment zitha kienet issugeriet li tatiha dar antika li kienet fi stat hazin hafna u mhux abitabbli fi Triq it-Tanikiet, Birzebbugia, li kienet kantuniera l-boghod minn fejn toqghod hi, biex terga tibnieha b'mod li taghmel kamra tas-sodda fil-pjan terran. Ghalhekk kien sar kuntratt ta' donazzjoni, u kienet ghamlet kamra tas-sodda u kama tal-banju isfel ghal Tabone.

Kompliet illi matul l-ahhar xahar ta' qabel ma tatha puplesija ma kienetx baqghat issajjar u ghalhekk kienet issajrilha hi darbtejn kuljum. Qalet ukoll illi peress li Tabone ma kelliex ilma fid-dar taghha, kienet tahsila hi darbtejn kuljum f'darha. Ziedet illi meta r-rikorrenti kien ikun Malta, huwa kien joqghod fid-dar ma' Tabone u allura hi kienet tghaddi l-lejl hemm. Qalet li dan kien aktar ta' tbaghtija ghaliha ghaliex kien ikollha ggor l-ilma biex tmur tahsila u tibdlilha l-harqa ghall-lejl u filghodu. Qalet li filfatt sakemm dahlet l-isptar hi kienet tixtrilha il-hrieqi li kellha bzonn.

Ziedet illi Tabone kienet qaltilha li biex tithallas ghall-ispejjez li kienet ghamlet sa dakinhar u ghas-servigi li kienet rrendejt maghha, x’hin jghaddu t-terminu ta' depozitu fiss li kellha mal-Bank HSBC, l-intimata setghat tirtira dan il-kont u zzomu bhala l-hlas dovut lilha tal-ispejjez u s-servigi. Meta ghalaq it-terminu Tabone kienet rikoverata l-isptar izda skont il-ftehim hi kienet gibdet dawn il-flus. Qalet ukoll li zitha kienet qaltilha

li minn dakinhar il-quddiem kellha thallas kull nefqa mill-kontijiet taghha mal-BOV u l-HSBC. Qalet li ma kienetx izomm l-ircevuti kollha, peress illi per ezempju fir-rigward tal-ikel, l-ikel ghal Tabone kienet tixtrih max-xirja tal-familja. Qalet li kien rari li l-ahwa ta' Frances jigu jzuruha, u kien biss meta giet rikoverata l-isptar li bdew imorru jarawha u kienu jcemplu lilhom biex iwassluhom bil-karozza.

Spejgat illi fl-2005 zitha kienet tlabitha biex toqghod prokuratur taghha limitatament ghal kontijiet *savings* li kellha l-HSBC u l-BOV. Qalet illi ghal ewwel snin hija kienet issarraf il-pensjoni, tghaddilha l-ammont kollu u meta Tabone kienu tghidilha tmur tixtri xi haga kienet tatiha l-flus hi. Imbaghad meta marret toqghod id-dar ghandhom baqghat b'din l-istess sistema. Qalet li meta kienet ghada d-dar, Tabone kienet ordnat u ffirmat ordni ghad insaputa taghha ghal kutra li wara li giet ikkonsenjata irrizulta li kienet ghal *double bed*. Ziedet illi din qatt ma intuzat tant li ghada fil-pakkett originali u r-rikorenti jista' jirtiraha meta jrid.

Qalet li meta giet rikoverata l-isptar kienet tohdilha l-ikel kuljum u kif ukoll kienet tahslilha u tghaddilha l-hwejjeg. Qalet illi meta Tabone giet nieqsa hi hadet hsieb li tqabbad *undertaker*, u ghalkemm fil-prospett nizlet li n-neqfa tal-funeral kienet ta' €2690.93, jirrizulta mill-ircevuta li prezentat stess li jrid jizdied l-ammont ta' €186.35 rapprezentanti s-somma dovuta sabiex saret l-iskrizzjoni ta' isem Tabone fuq l-irhama, u ghalhekk l-ammont ta' spejjez ghal-funeral huwa ta' €2887.28. Barra minn hekk insiet idahhal ukoll is-somma ta' €610 rapprezentanti l-ispiza biex isiru s-santi li gew imqassma waqt il-funeral.

Rigward l-allegazzjoni li ghamel ir-rikorrenti **fuq il-kaxxi fejn Tabone kienet izomm id-deheb** qalet illi din il-kaxxa kienet infethet **fil-presenza ta' hut ir-rikorrenti** Alfred u Guzeppi u **tant kienet imsadda li kellu jsir sforx minnu biex tinfetah**. Qalet illi Karen Borg hija neputija ta' Tabone li kienet kull xahar ghal diversi snin kienet tmur taqta' x-xahar u d-dwiefer ta' Tabone. Spjegat li meta jaslu biex jizzewgu neputijiet, Tabone kienet taghti bejn Lm100 – Lm120 rigal, u meta Karen Borg kienet gharrfet lil Tabone li

kienet ser tizzeweg, qabel ma' Tabone dahlet l-isptar, Tabone kienet weghditha li talli ghamlet maghha kull xahar kienet ser taghtiha rigal ta' €500.

In kontro-ezami a fol 247 – 264 xehdet illi l-post li kienet inghatat b'donazzjoni minghand Tabone kien joqghod fih Xandru Borg sakemm miet f'Marzu 1996. Qalet li ma kelliex certifikat ta' perit li dan il-post kien ikkundannat, u din l-evalwazzjoni kien ghamilha r-ragel taghha ghaliex jifhem fil-bini. Qalet pero illi kien mar il-perit tal-gvern jara l-post. Qalet illi sal-2010 ir-rikorrenti kien jigi Malta darba fis-sens biss, u beda jigi iktar tas-spiss, u cioe tliet darbiet fis-sena mill-2010 wara li rtira. Qablet illi waqt li Tabone kienet l-isptar, il-hrieqi kienu jigu provduti mill-isptar. Qalet illi qabel ma Tabone dahlet l-isptar, il-hrieqi daqqa kienu jixtruhom u daqqa johduhom b'xejn. Qalet li pero Tabone kienet tilbes *pull-ups* matul il-gurnata, li huma aktar ghaljin minn hrieqi normali, u dawn kienet tixtrihomla hi minghand l-ispizerija. Qalet illi Tabone kienet qaliltha biex idawwar kont fixed fuqha meta jaghlaq minflok toqoghod tixtrilha ghamara u affarijiet ohra, peress illi kellha taghmel hafna spejjez biex tirranga l-post u bhala apprezzament ta' dak kollu li kienet taghmel maghha.

Qalet ukoll illi Tabone kienet ilha tghidilha li kienet ha tiktbilha l-post minn mindu hi kienet ghada tfal u li filfatt originarjament riedet thallih bhala wirt lil ommmha. Qalet illi r-rikorrenti ma kienx Malta biex jiehu hsieb lil ohtu, li meta kien jigi Malta u joqghod maghha Tabone ma kienetx tkun trid torqod id-dar mieghu ghaliex kien jirriabja maghha meta jkollha xi incident ta' inkontinenza. Qalet illi l-kutra kienet giet ikkonsenjata ghandha ghaliex meta kienet tkun wahedha d-dar Tabone kienet tibza tmur tiftah lil min ihabbat. Rigward il-kaxxa tad-deheb qalet illi din kienet talbitha li zzomilha Tabone, u hi kienet qaltilha biex taghmilha fil-gwardarobba tal-kamra taghha stess. Qalet li filfatt meta tatha lir-rikorrenti kienet ghada fil-basket li kienet gabitha maghha. Qalet ukoll li Tabone *costume jewellery* l-iktar li kienet tilbes. Qalet illi waqt li Tabone kienet rikoverata kienet taghrafha u tikkomunika maghha bis-sinjali. Qalet li meta mbaghad kienet Monte Karmeli xi drabi kienet taghrafha u xi drabi le.

**Angelo Camilleri** xehed permezz ta' affidavit a fol 243 – 244 illi huwa qatt ma kellu prokura ta' Frances Tabone, izda huwa kien jghin lil martu fil-qadi li kellha bzonn Tabone u jikkonferma li kien isuq mid-dar taghhom f'Birzebbugia lejn l-isptar kuljum u xi drabi kien ikun hu li jitma lil Tabone. Huwa kkonferma dak kollu li qalet martu fl-affidavit taghha. Qal li meta r-rikorrent kien gie Malta wara li Tabone tatha puplesija kienu jwassluh l-isptar huma. Qal li huwa ma kienx jindahal fil-kontijiet li martu kienet thallas ghal Tabone, u li Tabone kienet taf li l-ikel kollu kien jinxtara minn martu u l-hasil tal-hwejjeg u spejjez ohra kienu jithallsu minn martu. Qal ukoll illi martu kienet ilha tiehu hsieb Tabone minn mindu kienet mietet ommha, u li filfatt hija kienet anke tiehu hsieb lil omm Tabone peress illi Tabone kienet tahdem.

**Maria Farrugia** prodotta mill-intimati xehdet a fol 271 – 272 illi hija staff *nurse* f'Jean Antide Ward f'l-isptar Monte Carmeli u li taf lill-intimata ghaliex kellhom residenta Frances Tabone u n-neputijiet taghha kienu jmorru jarawha ta' spiss. Qalet li kienu jmorru darba iva u darba le, *weekends* dejjem u festi dejjem, u kienu jiehdu hsiebha tajjeb hafna, igibulha hwejjeg mahsulin, ikel, affarijiet biex tinhasel u xi dizerta u qatt ma hallewha nieqsa minn xejn. Qalet li meta kienu jcemplulhom biex jiehdu xi medicinali li l-isptar ma kienx joffri dejjem gabulha. Ghalhekk li minn naha taghhom dejjem sabuhom hekk u dejjem kienu hemm ghal pazjenta. Qalet illi lir-rikorrenti kienet qed taghruf ghaliex gieli kien mar lejn l-ahhar.

In kontro-ezami a fol 272 – 275 xehdet illi Tabone kienet konxja u kienet taghraf lin-*nurses* u lill-intimati. Qalet li kienet titkellem, kienet taf min hi, u l-festa li ghandhom fil-lokal taghhom u kienu jiccajtaw fuq il-patrun taghhom. Fuq domanda tal-Qorti, wiegbet illi Tabone ma kienetx tbati minn senile dementia.

Rigward ikel qalet illi ghalkemm l-isptar jipprovdi l-ikel jekk tkun residenta jdejjaq ghaliex kien ikun dejjem l-istess u allura l-intimati kienu jmorru darba iva u darba le u dejjem johdula ikel differenti. Spjegat li l-isptat joffri l-baziku pero l-*quality of life* mhux ser tkun l-istess. Qalet ukoll li gieli kien ikollhom bzonn hrieqi aktar, ghaliex kien zmien fejn l-isptar ma kienx ikollu hrieqi ta' certu daqs u Tabone kien fiha mara. Rigward rigali

qalet li huma ma jaccettawx rigali, izda ikkonfermat illi kienu jinghataw xi haga volontarjament ghal kullhadd biex tinqasam bhal xi kejk bhala ringrazzjament.

**Karen Farrugia Borg** prodotta mill-intimati xehdet a fol 276 – 277 illi hija beauty therapist u neputija ta' Tabone u meta Tabone kien ikollha bzonn kien tmur taqtala' xaharha, taghmlilha *waxing* u taqtala dufrejha. Qalet li meta Tabone saret taf li kienet ser tizzewweg lill-intimata kienet qaltilha biex anke jew tkun lahqet mietet tahseb ghaliha ghaliex hi dejjem kienet il-preferuta ghax tghina f'li jkollha bzonn. Kienet qaltilha wkoll li bhala rigal tat-tieg kienet ser tatiha €500 u filfatt dawn kienet tathomla l-intimata.

**Angelo Camilleri** xehed a fol 280 - 281 illi huma kienu regghu bnew il-post li kienet tahom Tabone ghaliex ma kienx abitabli peress illi anke kien hemm kmamar minghajr arja.

In kontro-ezami a fol 281 – 283 xehed illi hlief ghal kamra tal-bejt il-post kien terran u l-kmamar kienu msaqqfin bil-pjanci. Imbaghad qabel illi kienet il-kamra tal-banju li kienet imsaqqfa bil-pjanci izda li din ma kienetx skont il-ligi peress illi ma kelliex bitha bizejjed. Qal ukoll li l-kcina u l-bitha kienu minghajr arja. Insista li l-post ma kienx tajjeb u kien ikkundannat.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati ecceppew preliminarjament li l-intimat Angelo Camilleri m'huwiex legittimu kontradittu u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-gurisprudenza fuq il-kuncett tal-interess ġuridiku  hija abbondanti.  Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **George Laferla et vs Joseph Lauri et noe** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Mejju, 2002 gie affermat li biex tigi ezercitata azzjoni, l-attur irid ikollu interess guridiku fil-prosegwiment ta’ dik il-kawza, liema interess irid ikun jezisti fil-bidu tal-kawza u *jipperdura* tul is-smiegh tal-kawza.

Di piu' fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Micallef Goggi vs Procuratore Legale Emanuele Armando Mifsud et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' April, 1930 (Vol. XXVII/i/507), gie ritenut li ghalkemm il-kodici taghna m'ghandux provediment li jittrata l-htiega ta' interess, din il-htiega tista' tigi desunta mill-*artikolu* 236, li jitkellem fuq dritt ta' appell *"minn kull min ikollu interess"*, u mill-*artikolu* 960, li jitkellem fuq l-intervent f'kawza *in statu et terminis*, fiz-zewg kazi, tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Kompliet tghid dik l-Onorabbli Qorti li *"Fu nondimeno sempre ritenuto nella patria gurisprudenza, malgrado il difetto di una precisa disposizione della legge in materia, e come corollario di (queste) due disposizione, che base e misura di ogni azione guidiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta' perche' se l'interesse e una condizione sine qua non per il semplice intervento e per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio"*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **L-Ispizjar Anthony Darmenia et noe vs Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier et noe et** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Frar, 1966 gie affermat li l-interess irid ikun guridiku fis-sens li dan l-interess irid ikun rikonoxxut bil-ligi u l-azzjoni trid tkun preordinata ghal l-otteniment ta' rimedju protett bil-ligi. Minhabba dan ir-rikwezit, gie deciz li rimedji li jwasslu biss ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni mhux permissibli. Intqal li *"fis-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li m'humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni li tista' tkun pre-ordinata ghal domanda ohra definitiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l'iehor jista' jinghata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali m'huwiex ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tinghatax"*.

Hekk ukoll s-sentenza fl-ismijiet **Edrichton Estates Ltd vs Munro Philipps & Co Ltd**", deciza fit-2 ta' Ottubru, 2003 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili rreteniet li f'kaz ta' talbiet dikjaratorji, il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni taghhom, *purche'* dawn ikunu preordinati ghal domanda definitiva u finali, *anke* jekk din tkun ghada ma gietx dedotta f'gudizzju. (Ara wkoll **Joseph Grech vs Ludgarda Grech**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar, 1989).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Axiak noe vs Onorevoli Dr. Fortunato Mizzi noe et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 1952 (Vol. XXXVI.ii.532) l-istess Qorti pronunzjat: *"L-interess f'min jaghmel kawza m'hemmx bzonn li jkun patrimonjali, imma jista' jkun anki morali u astratt, purche' jkun ta' natura guridika, jigifieri li jkun jikkorrispondi ghal lezjoni ta' dritt, u ghalhekk, hu bizzejjed, biex jirradika dak l-interess, anki semplici dritt onorifiku. Lanqas m'hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt veru u propju, imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata"*. Il-Qorti, f'dik il-kawza, kompliet tisma' l-kawza li kienet intiza ghas-semplici interpretazzjoni ta' legat, u, ghalhemm, seta' jinghad li s-sentenza ma tkunx tista' tigi ezegwita, *"mhux koncepibli kif is-sentenza li taghti dik l-interpretazzjoni tista' tigi injorata"*.

Interessanti wkoll illi d-decizjoni fil-kawza **Albert Falzon Sant Manduca et vs Blanche Weale** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 1959, (Kollez. Vol XLIII/i/1), fejn inghad li l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku.

Fil-kawza **Ganado vs Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 1961, gie wkoll deciz li *"d-dritt tal-attur vjolat bir-rizoluzzjoni impunjata ghandu kontenut morali, u jidhol fil-kategorija tad-drittijiet soggettivi immaterjali – liema dritt l-attur ghandu b'din l-azzjoni l-interess li jigi affermata permezz tal-awtorita' gudizzjarja"*.

Il-Qorti rat illi fiz-zmien meta saret l-allegata misapproprjazzjoni, l-intimati kienu mizzewgin u ghalhekk il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom kienet attiva. Dan ifisser illi kwalunkwe flus ippercepiti mill-intimata Maryrose Camilleri saru parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk per forza nofshom huma tal-intimat zewgha. Il-Qorti tqis illi dan huwa bizzejjed sabiex jirradika interess guridiku sufficjenti f'din l-azzjoni, galadarba jekk verament kien hemm xi approprjazzjoni indebita din gawda minnha ex

lege l-intimat Angelo Camilleri ukoll, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni preliminari ghandha tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti fliet ir-rendikont prezenati quddiema. Minn dan ir-rendikont jidher li inhargu s-segwenti ammont:

| | |
|---|---|
| Kont BOV numru 40016589151[1] | €2,417.54 |
| Kont BOV numru 40016589122[2] | €300.00 |
| Kont HSBC numru 047-012091-050[3] | €26,844.39 |
| **Total** | **€29,561.93** |

Minn dan l-ammont, ir-rikorrent jaqbel illi mal-ispejjez indikati mill-intimati fl-ammont ta' **€6,416.08**.

Fir-rigward tal-ispejjez relatati mal-ikel il-Qorti ma tikkondividix il-hsieb tar-rikorrenti illi dawn kienu spejjez m'ghamulha ghal xejn ghaliex l-isptar kien jipprovdi l-ikel. Kif xehdet in-*nurse* Maria Farrugia, l-isptar joffri servizz baziku, u mhux servizz *five star* kif ikkontenda r-rikorrenti, u li sabiex ma tonqosx il-kwalita tal-hajja tal-pazjent huwa tajjeb li l-qraba jiehdu ikel mid-dar peress li l-isptar joffri dejjem l-istess ikel. Wara kollox, il-flus kienu jappartienu lil Tabone, li ghalihom hadmet hi stess, **ma kienux qieghdin hemmhekk biex jigu mfaddlin a kost ta' kollox sabiex imbaghad igawdi minnhom ir-rikorrenti, izda kienu hemm sabiex hija jkollha hajja komda kemm jista' jkun, jew almenu sal-grad li xtaqet hi.**

[1]Fol 137.
[2]Fol 149.
[3]Fol 172.

Spejjez taht id-disgha, ghaxar u hdax il-kap.

- Il-Qorti pero tqis illi l-ammonti ndikati mill-intimati fil-prospett taghhom a fol 82 et seq huma ezagerati. L-ewwel nett, jirrizulta illi Tabone damet rikoverta l-isptar ghal 23 xahar, u ghalhekk ghal bejn wiehed u iehor 700 gurnata u mhux 880. Barra minn hekk irrizulta wkoll mix-xhieda ta' Maria Farrugia illi l-intimati kienu jiehdu ikel lil Tabone darba iva u darba le mhux kuljum, u mix-xhieda ta' Thomas Tabone irrizulta li l-intimati kienu jmorru erbgha darbiet fil-gimgha. Ghalhekk semmai il-kalkolu ghandu jsir fuq 368 gurnata (erbat'ijiem fil-gimgha ghal 23 xahar) u mhux fuq 880 gurnata. Dan ifisser illi, usando l-istess cifra ta' €6 ghal kull ikla, l-ispejjez inkorsi ghall-ikel huma ta' **€2,208.**

- L-ispejjez ghat-trasport tal-ikel ukoll iridu jinhadmu fuq 368 gurnata u mhux 880 gurnata, u ghalhekk dawn ghandhom jammontaw ghal **€552.**

- Rigward il-materjali ghal-hasil il-Qorti tosserva illi galadarba Tabone kienet rikoverta fl-isptar ghal 23 xahar, il-kalkolu jrid isir fuq 92 gimghat u mhux fuq 125. Ghalhekk l-ammont ta' spejjez taht dan il-kap ghandu jkun ta' **€460.**

- Fir-rigward tal-medicinali, hawn jidher li sar li zball fil-kalkolu tal-intimati illi jghidu li kienu jonfqu €14.05 l-gimegha, izda ghal xi raguni jimmoltiplikaw dan l-ammont b'125 gimgha. Ghar-ragunijiet immsemmija il-Qorti tikkonsidra li dan l-ammont ghandu jigi mahdum fuq 92 gimgha, u ghalhekk l-ispejjez inkorsi taht dan il-kap huma ta' **€1292.60.**

- Rigward il-*cakes* jew cikkulatini li l-intimati kienu jaghtu lin-*nurses* jidher li hawnhekk ukoll sar l-istess tip ta' zball billi nefqa mensili giet immoltiplikata fuq medda ta' gimghat minflok ta' xhur. Mix-xhieda ta' Maria Farrugia jirrizulta li huwa minnu illi l-intimati kienu xi drabi jaghtu xi kejk jew affarijiet simili lin-*nurses* u ghalhekk m'ghandha l-ebda raguni biex tiddubita illi sar xi infieq taht dan il-kap. Ghar-ragunijiet immsemmija il-Qorti tikkonsidra li dan l-ammont

ghandu jigi mahdum fuq 92 gimgha, u ghalhekk l-ispejjez inkorsi taht dan il-kap huma ta' **€1840.**

- Fl-affidavit taghha, l-intimata indikat ukoll illi kien hemm zewg spejjez inkorsi fir-rigward tal-funeral, u cioe **€186.35** rapprezentanti s-somma dovuta sabiex saret l-iskrizzjoni ta' isem Tabone fuq l-irhama, u s-somma ta' **€610** rapprezentanti l-ispiza biex isiru s-santi li gew imqassma waqt il-funeral, li hija nesiet tinkludi fil-prospett. Stante li l-ircevuti relativi gew prodotti minnha u annessi mal-affidavit taghha, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li dawn l-ispejjez saru u konsegwentement ghandhom jigu nkluzi.

- Il-Qorti tqis ukoll bhala verosimili is-somma ta' **€120** bhala elemozina ghal quddiesiet ghar-ruh Tabone wara mewtha.

- Il-Qorti taccetta ukoll l-ispiza ta’ **€195** rapprezentanti valur ta’ mhadda tal-gel

**Sub-total - €7,463.95**

Ghalhekk, mis-somma ta' **€29,561.93** iridu jitnaqqsu s-somma ta' **€6,416.08** rapprezentanti l-ispejjez li fuqhom m'hemmx kontestazzjoni u s-somma ta' **€7,463.95** likwidata mill-Qorti.

Konsegwentement, jifdal is-somma ta' **€15,681.90** sabiex tigi investigata jekk din inhargitx mill-kontijiet ta' Tabone abuzivament mill-intimati. Tlettax -il elf Ewro minn din is-somma huwa ammont illi l-intimata qed tghid li Tabone kienet qaltilha biex taqleb fuq isimha meta jiskadi kont fiss illi kellha.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti nghatat zewg verzjonijiet kompletament konfliggenti ta' dan il-kaz. Filwaqt li r-rikorrent isostni illi l-intimata Mary Rose Camilleri gibdet flus mill-kontijiet bankarji ta'

ohtu mhux biss ghal spejjez necessarji izda wkoll b'mod abbuziv a profitt taghha stess. Minn naha l-ohra l-intimati jghidu illi l-flus kollha li hargu mill-kontijiet bankarji kienu inhargu sabiex ikopru l-bzonnijiet ta' Frances Tabone, apparti s-somma ta' €13,000 li Camilleri tishaq li inghatat lilha bhala rigal minn Frances Tabone li riedet turi r-rikonnixximent taghha ghal dak li kienet taghmel maghha l-intimat.

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:

> *"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*[4]

Inghad ukoll illi *"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.*"[5]

---

[4] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (24 ta' Novembru 1966).
[5] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) (25 ta' Gunju 1980).

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:-

I. *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

II. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*[6]

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant.[7]

Il-Qorti tqis illi kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-intimati naqqsu milli jkunu kompletament sincieri mal-Qorti u tnejn li huma kabbru xi ftit jew wisq is-sitwazzjoni sabiex jaghtu iktar kredibilita lil verzjoni taghhom. Minn naha tar-rikorrenti huwa jikkontendi illi Tabone ma kienet taghraf lil hadd u bilkemm kienet f'sensieha minn mindu giet rikoverta l-isptar fl-2009 sa ma mietet. Din ix-xhieda pero giet ikkontradetta minn xhud indipendenti, u cioe l-infermieta Maria Farrugia, illi xhedet li Tabone kienet lucida, kienet taghraf lill-intimati u lin-*nurses*, kienet taf fejn qieghda u ma kienetx tbaghti minn senile dementia. Il-Qorti taghraf illi dawn l-allegazzjoni saru mir-rikorrenti sabiex jaghti aktar veracita lill-asserzjoni tieghu illi l-intimati misapproprijaw flus Tabone, pero tirrileva li tali inkonsistenzi jimminaw serjament il-kredibilita tar-rikorrent. Dan apparti l-ilmenti tieghu illi l-intimati kienu jippreparaw l-ikel ghal ohtu, meta skont hu hija kienet qed tircievi servizz *five star* mill-isptar.

---

[6] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) (24 ta' Marzu 2004).
[7] **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (19 ta' Mejju 2015).

Din l-asserzjoni tindika lil Qorti li r-rikorrenti m'ghandux esperjenza la tal-ikel tal-isptar wisq anqas ikel ta' *five star hotel* jew *restaurant*. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex huwa maghruf universalment illi l-ikel tal-isptar, ghalkemm huwa bnin, huwa nieqes minn melh, zokkor u kull forma ta' hwawar ghaliex huwa intiz ghal pazjenti kollha tal-isptar li jistghu jbaghtu minn diversi kondizzjonijiet medici. Nieqes ukoll mill-varjeta' u dan jinhass l-aktar minn pazjenti li jkunu residenti l-isptar ghal-tul ta' zmien. Ghalhekk kif qalet sewwa l-infermiera Maria Farrugia il-kambjament fl-ikel li kienet tipprovdi l-intimata kien jawmenta il-ben essere ta' Francis Tabone.

Il-Qorti tqis illi gie provat soddisfacenetment illi l-intimati kienu jduru b' Frances Tabone sew, anke meta dahlet l-isptar, u dan ikkonsidrat ix-xhieda tal-infermiera Farrugia li filfatt iddeskrivithom bhala l-qraba idejali. Fil-fehma tal-Qorti l-intimati kienu kredibili fix-xhieda taghhom, tant illi r-rikorrent qieghed jiggranfa ma diskrepanza minima sabiex jipprova juri illi l-intimata ma kienetx kredibbli, u cioe l-fatt li kienet tmur izur lil Tabone l-isptar darbtejn jew tlieta inqas milli qalet. Il-Qorti tqis minn naha l-ohra illi l-inkonsistenza fil-verzjoni tar-rikorrenti hija hafna aktar serja, u cioe dik relatata mal-kondizzjoni ta' Tabone meta giet rikoverta fl-isptar b'tentattiv illi jaghmel l-allegazzjoni tieghu jidhru iktar kredibbli u jitfa' dell ikrah fuq l-intimati sabiex jgieghlhom jidhru daks li kieku kienu qieghdin jabbuzaw mill-finanzi ta' persona li tant ma kienetx f'sikkitha, li ma kienet taghraf il-hadd, u bil-kemm kienet f'sensiha, fatti li gew kompletament kontradetti mix-xhieda tal-infermiera Maria Farrugia.

Fil-fehma tal-Qorti id-diskrepanza bejn l-ammont mahrug mill-kontijiet ta' Tabone (eskluz it-tlettax -il elf Ewro li kien hemm f'kont fiss) u l-ammont komputat mill-Qorti m'hijiex kbira bizzejjed biex twassal lil Qorti sabiex tikkonkludi illi l-intimata kienet qed tohrog flus mill-kontijiet savings ta' Tabone b'mod abbuziv, peress illi d-differenza tista' tigi facilment spjegata mill-fatt illi setgha kien hemm xhur fejn kien hemm bzonn li jsiru iktar spejjez minn ohrajn, jew fejn saru aktar zjarat matul il-gimgha bi spiza akbar tal-ikel lil Tabone. Jsegwi li huwa verosimili li seta' kien hemm granet li ma gewx inkluzi fil-komputazzjoni tan-nefqa ghall-ikel.

Fir-rigward tat-tlettax-il elf li gew mdawwrin fuq isem l-intimata, il-Qorti ma rat u semghat xejn illi jwasslha ghal konkluzjoni illi l-intimata kienet qed tigdeb meta qalet illi Tabone riedet illi l-intimata tiehu dawn il-flus bhala turija tal-apprezzament taghha ghal dak kollu li kienet taghmel maghha.Wara kollox **kienu l-intimati biss** li kienu jiehdu hsieb lil Tabone u jduru biha f'dak kollhu li kellha bzonn.Sahansitra, jirrizulta illi meta Tabone kienet torqod id-dar taghha, l-intimata kienet tiehu l-isbrigu ggorr l-ilma sad-dar ta' Tabone, peress li hi ma kellhiex ilma d-dar taghha, sabiex tkun tista' tahsilha. L-intimata ghamlet snin shah tahsel lil Tabone, tbdililha l-hrieqi, ssajrilha u taqdiha f'dak kollu li kellha bzonn. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex temmen dan, specjalment ikkonsidrat ix-xhieda tal-infermiera Farrugia li minghajr tlaqliq qalet li l-intimati kienu jaqduha lil Tabone f'dak kollu li kien ikollha bzonn u li dejjem kienet issibhom. Il-Qorti tqis illi huwa assolutament verosimili illi Tabone xtaqet tippremja d-dedikazzjoni tal-intimati, specjalment in vista tal-fatt illi ma kien ser immisshom xejn mill-wirt taghha, a kuntrarju tar-rikorrent illi wiret il-gid kollhu ta' Tabone nonostante l-fatt li ma kienx hu li ha hsiebha.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi  filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet taghhom u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**